MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Frar, 2018

Rikors Maħluf Nru 152/16LM

**Adrian Cauchi (K.I. numru 553685M)**

***vs.***

**Mariu Vittorio Azzopardi (K.I. numru 67541M) u**
**Untours Insurance Agency Limited (C5655)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mill-attur **Adrian Cauchi** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), fil-25 ta' Frar, 2016, li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar il-ħamsa (5) ta' Diċembru, tas-sena elfejn u tlettax, għall-ħabta tas-siegħa neqsin ħamsa ta' waranofsinhar (12.55p.m.) waqt li l-esponent kien qiegħed isuq mutur b'numru ta' reġistrazzjoni CAU085 ta' għamla KTM f'Dawret San Pawl, San Pawl il-Baħar fuq il-lane ta' ġewwa, il-konvenut Mariu Vittorio Azzopardi, li kien qiegħed isuq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni CBJ192 ta' tip Volkswagen, liema vettura hija assigurata mas-soċjetà konvenuta Untours Insurance Agency Limited (C5655) fl-istess triq u fl-istess direzzjoni, fuq*

*il-lane ta' barra, mingħajr ebda sinjal, dar f'daqqa għal fuq ix-xellug tiegħu sabiex jidħol fil-garaxx tiegħu li hemm fl-istess triq. Konsegwentement, b'tali manuvra, il-konvenut Mariu Vittorio Azzopardi investa lill-esponent bil-konsegwenza li l-istess esponent safa mal-art fil-ġenb tat-triq isofri minn ġrieħi serji ħafna.*

2. *Illi fuq dan l-inċident marret il-Pulizija Eżekuttiva, fejn tħejja rapport u skizz bin-numru 9/V/5588/2013, kopja ta' liema rapport u skizz qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A'*[1].

3. *Illi minħabba l-ġrieħi li huwa kien sofra, l-esponent ittieħed bl-ambulanza l-Isptar Mater Dei, fejn wara li ġie medikalment invistat minn Dr Daniel Varnai MD numru mediku 3933, inħareġ ċertifikat mediku mill-istess Tabib li l-esponent kien sofra ġrieħi ta' natura gravi, stante li kellu "fracture of both (L) and (R) radius" u "multiple superficial abrasions and bruises", kopja ta' liema ċertifikat mediku qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok 'B'*[2]*, flimkien mal-Affidavit tal-istess Tabib li qed tiġi mmarkata bħala Dok 'C'.*[3]

4. *Illi l-inċident awtomobilistiku riferit seħħ unikament u esklussivament minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizia u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Mariu Vittorio Azzopardi.*

5. *Illi l-kumpannija konvenuta Untours Insurance Agency Limited (C5655) kienet l-assiguratriċi tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBJ192 fil-mument tal-inċident fuq imsemmi u għalhekk hija responsabbli sabiex tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-esponent a tenur tal-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta) nonostante kwalunkwe restrizzjoni li jista' jkun hemm fil-polza ta' assikurazzjoni maħruġa għall-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBJ192 u dan kif jipprovdi l-artikolu 12 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.*

6. *Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident, inħarġu akkużi fil-konfront tal-konvenut Mariu Vittorio Azzopradi, fejn fil-mori ta' din il-kawża, b'Digriet datat tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ġie nnominat Mr Alec Sultana sabiex jeżamina lill-esponent u jirrelata jekk l-esponent hux ibati minn diżabilità permanenti, kopja ta' liema Digriet qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'D'.*[4]

---

[1] *A fol.* 7 sa 14. Kopja tal-iskizz tinsab *a fol.* 14.
[2] *A fol.* 15.
[3] *A fol.* 16.
[4] *A fol.* 17.

7. *Illi fir-relazzjoni tiegħu, Mr Alec Sultana M.D. F.R.C.S.I. Orthopaedic Specialist ikkonferma li l-esponent qiegħed isofri minn diżabilità permanenti ta' għoxrin fil-mija (20%), kopja ta' liema relazzjoni qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'E'.*[5]

8. *Illi wara li semgħet il-provi miġjuba quddiemha, b'sentenza datata wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-konvenut Mariu Vittorio Azzopardi ħati tal-akkużi kollha kif kienu dedotti kontra tiegħu, kopja ta' liema sentenza qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok 'F'.*[6]

9. *Illi minbarra din id-diżabiltà permanenti, kawża ta' dan l-inċident awtomobilistiku, l-esponent sofra wkoll danni fil-vettura tiegħu b'numru ta' reġistrazzjoni CAU085 li għalihom huma responsabbli l-konvenuti.*

10. *Illi minkejja l-fatt li l-konvenuti ġew debitament interpellati permezz ta' ittra uffiċjali, datata sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'G'*[7]*, sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-esponent fl-imsemmi inċident awtomobilistiku, baqgħu inadempjenti.*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

1. *Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ f'Dawret San Pawl, San Pawl il-Baħar, nhar il ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettx (2013) waqt li l-konvenut Mariu Vittorio Azzopardi kien qiegħed isuq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni CBJ192 kif fuq premess u għal konsegwenzjali danni sofferti mill-esponent;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kumpannija konvenuta Untours Insurance Agency Limited (C5655) hija responsabbli in solidum mal-konvenut Mariu Vittorio Azzopardi versu l-esponent għad-danni kollha sofferti mill-esponent konsegwenza tal-istess inċident u dana ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*

---

[5] *A fol.* 19 sa 23.

[6] *A fol.* 24 sa 27. Il-Qorti ttemperat il-piena tal-akkużat (il-konvenut odjern) minħabba, skont il-Qorti, negliġenza konributorja tal-attur odjern talli ma żammx distanza adegwata mill-vettura ta' quddiemu biex ikun jista' jevita emerġenza istantaneja.

[7] *A fol.* 28 u 29. Ara *fol.* 30 - il-konvenut ġie notifikat f'Ġunju tal-2015 u s-soċjetà konvenuta fl-1 ta' Ġunju, 2015.

3. *Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi, id-danni sofferti mill-esponent attur konsegwenzjali għall-inċident riferit, liema danni huma konsistenti kemm f'damnum emergens u kif ukoll f'lucrum cessans;*

4. *Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu lill-esponent l-ammont hekk likwidat bħala dovut in linea ta' danni;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), u bl-interess legali kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Mariu Vittorio Azzopardi** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") u tas-soċjetà konvenuta **Untours Insurance Agency Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), maħlufa minn Mariu Vittorio Azzopardi, li ġiet ippreżentata fid-29 ta' Marzu, 2016, fejn eċċepew:

1. *Illi r-responsabilità għall-inċident stradali li seħħ fil-ħamsa ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) hija respinta u kontestata.*

2. *Illi l-inċident ma seħħx bi ħtija ta' Mariu Vittorio Azzopardi.*

3. *Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjes.*

4. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2018, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Din il-vertenza hi dwar ir-responsabbilità o meno tal-konvenut għall-inċident li seħħ fil-5 ta' Diċembru, 2013 f'Dawret San Pawl, San Pawl il-Baħar, meta l-konvenut li kien qed isuq l-karozza Volkswagen, reġistrazzjoni CBJ-192 li kienet fuq l-karreġġjata ta' barra, u skont l-attur għamel manuvra inaspettata, billi mingħajr ma xegħel l-*indicator* tal-vettura tiegħu, daħal fil-karreġġjata ta' ġewwa biex jidħol fil-garaxx tiegħu, bil-konsegwenza li l-attur li kien qed isuq mutur KTM, numru tar-reġistrazzjoni CAU-085 fil-karreġġjata ta' ġewwa baqa' dieħel fih. Ir-responsabbiltà għal dan l-inċident stradali hija respinta u kkontestata mill-konvenuti u tinħoloq għalhekk il-kwistjoni jekk b'xi mod kienx hemm kontributorjetà għall-inċident da parti tal-attur minbarra l-kwistjoni tal-*quantum* tad-danni sofferti mill-attur u r-responsabbilità għal tali danni.

**Provi u riżultanzi**

*Provi tal-partijiet dwar id-dinamika u responsabbilità għall-inċident*

L-attur **Adrian Cauchi** fl-affidavit tiegħu jispjega[8] li fil-ħin tal-inċident kien qed isuq il-mutur tiegħu mill-Mellieħa sal-Mosta bil-mod għax kien fil-karreġġjata ta' ġewwa tal-*bypass* tax-Xemxija. Il-konvenut li kien qed isuq fil-karreġġjata ta' barra, fil-*fast lane,* u f'daqqa waħda dar bla indikazzjoni ta' xejn fuq il-

[8] *A fol.* 43 sa 45.

karreġġjata tal-attur b'mod li għalkemm l-attur ipprova jevitah billi dar fuq il-karreġġjata ta' barra, kien għalxejn u l-attur faqa' l-*windscreen* ta' wara tal-vettura tal-konvenut. L-attur jgħid li hu bid-daqqa tar mill-mutur u spiċċa n-naħa ta' ġewwa tat-triq viċin il-*barrier* u konsegwenza ta' dan sofra ġrieħi gravi. L-attur jgħid li l-konvenut lanqas biss avviċinah biex jara xi ġralu. Ftit wara ġew il-Pulizija u sejħu għall-ambulanza. L-attur jgħid li l-isptar operawh mill-ewwel u tlett ijiem wara reġgħu operawh f'idejh it-tnejn minħabba ksur gravi. L-attur jgħid li mill-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-konvenut, sar jaf li l-konvenut għamel dik il-manuvra biex jidħol ġewwa l-garaxx tiegħu li qiegħed mad-dar tiegħu fuq in-naħa ta' ġewwa tat-triq fejn seħħ l-inċident. L-attur jgħid li wara kienu kellmuh xi nies li jgħixu f'dik it-triq li rrakkuntawlu li l-konvenut kemm-il darba kien jagħmel dik il-manuvra biex jidħol ġol-garaxx tiegħu, bil-konsegwenza ta' tpaqpiq ta' ħornijiet, brajkijiet u dagħa ta' sidien ta' vetturi li jinħasdu bil-mod kif il-konvenut kien jagħmel din il-manuvra. L-attur esebixxa flimkien mar-Rikors Maħluf tiegħu r-rapport tal-Pulizija li jinkludi l-istqarrija li hu kien ta lill-Pulizija, fejn qal[9]: "Kont għaddej dritt, qalibli l-*lane* f'daqqa minn barra għal ġewwa."

Xehed ukoll **PS 914 Ivan Mifsud**[10], li spjega li meta mar fuq il-post tal-inċident sab il-vettura tal-konvenut u warajha l-mutur tal-attur. L-attur kien mixħut fl-art distanza quddiem il-karozza u kien jidher ferut serjament. Ix-xhud jgħid li l-attur qallu li kien tiela' bil-mutur lejn San Pawl il-Baħar sejjer lejn ir-*roundabout* tal-Imwieżeb u f'daqqa waħda x-xufier tal-vettura biddel il-*lane* mingħajr *indicator.* Minħabba l-gravità tal-feriti li kellu l-attur, ix-xhud sejjaħ għall-ambulanza u ħaduh l-isptar. Ix-xhud jgħid li hu kien kellem ukoll lill-konvenut li qallu li kien fil-karreġġjata ta' barra u għamel sinjal li ser idur fuq

[9] *A fol.* 9.
[10] *A fol.* 49 u 50.

ix-xellug, ra lill-attur mill-mera ġej bi *speed* qawwi u dan ħadu fuq wara tal-vettura tiegħu u għalhekk il-konvenut għafas fuq il-lemin tiegħu.

Ix-xhud jistqarr li dak il-ħin stess ivverifika li meta xegħel l-*ignition* tal-vettura tal-konvenut, l-*indicator* ma kienx mixgħul. Meta ipprova l-*indicators*, ix-xhud sab li dawn kienu jaħdmu t-tnejn. Ix-xhud ikkonferma li hu kien ħejja r-rapport *a fol.* 7 sa 13 tal-proċess u l-iskizz *a fol.* 14 tal-proċess u ppreżenta kopja aġġornata l-*Full Road Traffic Accident Report.*[11]

Skont ir-rapport tal-Pulzija, it-triq fejn seħħ l-inċident hija *two lane* bil-*broken centre,* asfaltata, dritta, bil-wiċċ tagħha li kien xott u ma jissemmix jekk kienx hemm xi *tyre marks* jew *brake marks.* In kontroeżami s-surġent Ivan Mifsud ikkonferma[12] li l-ewwel ħa l-verżjoni tal-attur, imbagħad għalaq it-traffiku u wara ħa l-verżjoni tal-konvenut.

Id-Deputat Reġistratur tal-Qorti Kriminali, **Alexia Attard** esebit[13] l-atti kollha tal-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-konvenut odjern. Fost id-dokumenti esebiti fl-atti tal-proċeduri kriminali hemm l-affidavit ta' PC 1259 John Spiteri[14] li jgħid li fuq il-post tal-inċident kienu sabu l-vettura tal-konvenut f'nofs it-triq tiskorri l-linja tal-karreġġjata tal-lemin u warajha l-mutur. Ix-xhud jgħid li l-konvenut qallu li huwa kien għamel is-sinjal biex jaqleb għax-xellug għax fuq dik in-naħa tat-triq huwa kellu garaxx. Ix-xhud ikkonferma li s-Surġent Ivan Mifsud xegħel l-*ignition* tal-vettura tal-konvenut biex jivverifika jekk l-*indicators* kinux mixgħulin jew mitfigħin.

[11] *A fol.* 53 sa 59.
[12] *A fol.* 51 u 52.
[13] *A fol.* 60.
[14] *A fol.* 69 u 70.

Fl-atti tal-proċeduri kriminali hemm ukoll ix-xhieda tal-PS 914 Ivan Mifsud[15] li meta kien mistoqsi mill-Maġistrat jekk kienx hemm marki tal-*brakes* mal-art, wieġeb li ma kienx hemm.[16] Is-Surġent Mifsud kien xehed ukoll li l-konvenut kien qalilhom li kien kiser fuq ix-xellug biex jidħol fil-garaxx tiegħu u spjega li l-garaxx kien dak li fl-iskizz *a fol.* 72 kien jidher bid-dritt fuq ix-xellug ta' fejn kienet il-vettura tal-konvenut, li tidher fin-nofs tat-triq parti zgħira minnha fuq il-karreġġjata ta' ġewwa, ċjoè dik tax-xellug u l-kumplament fuq il-karreġġjata ta' barra, ċjoè tal-lemin.

Fl-atti tal-proċeduri kriminali hemm ukoll ix-xhieda tal-attur[17] li fuq mistoqsijiet tal-Maġistrat ikkonferma li hu ma kienx ġej mill-karreġġjata ta' barra iżda meta ħasdu l-attur għax naqqas il-veloċità u beda jdur fuq ix-xellug, u hu pprova jiskapulah billi jdur fuq il-lemin f'dawk il-ftit sekondi u qal li għalhekk probabbli laqtu wara mhux fin-nofs tal-ġenb tal-vettura tal-konvenut.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jingħad is-segwenti:

> "Mill-provi prodotti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar kif seħħew il-fatti. Mir-ritratti esebiti jidher ċar li Azzopardi kien qed isuq il-vettura tiegħu fuq il-karreġġata ta' barra, ċjoè dik tal-lemin, qrib il-'*barriers*' mas-'*central strip*' fl-istess triq. Jidher li hu ried jaqsam għan-naħa ta' ġewwa, għax-xellug tiegħu, u għalhekk naqqas il-veloċità u beda jdur fuq ix-xellug. Hekk kif għamel din il-mauvra, Cauchi sab ruħu b'emerġenza quddiemu u ma kellux biżżejjed distanza u ħin biex jagħmel manuvra evażiva. Inoltre, jidher li ma kien hemm ebda manuvra li seta' jieħu għajr li jwaqqaf il-mutur tiegħu għal kollox biex jevita l-impatt.

[15] *A fol.* 89 sa 95.
[16] *A fol.* 92.
[17] *A fol.* 97 sa 104.

> Huwa magħruf li kull sewwieq għandu jżomm dak li jissejjaħ bħala "*a proper lookout*" fis-sewqan. Dan jgħodd kemm għall-imputat kif ukoll għal Cauchi f'dan il-każ. Huwa minnu li l-inċident seħħ minħabba fil-manuvra traskurata li għamel Azzopardi billi naqqas il-veloċità fil-karreġġata ta' barra u pprova jaqsam il-karreġġati fi triq li hija waħda mill-"*highways*" ewlenin ta' Malta. Jidher, iżda, li huwa minnu wkoll li Cauchi seta' żamm distanza aktar lura minn Azzopardi, sabiex jevita emerġenzi istantaneji li jistgħu minn żmien għal żmien jinqalgħu għal għarrieda. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, it-tnejn li huma għandhom responsabbiltà għal dan l-inċident. Cauchi żgur għandu negliġenza kontributorja bin-nuqqas ta' distanza adegwata mill-vettura ta' quddiemu, iżda t-tort prinċipali huwa ta' Azzopardi bil-manuvra azzardata tiegħu li mill-karreġġata ta' barra jnaqqas il-veloċità u jipprova jaqsam karreġġata u jidħol fuq ix-xellug tiegħu. Azzopardi kellu mal-ewwel ikun fuq il-karreġġata tax-xellug jekk ried jidħol fil-garaxx tiegħu fuq l-istess naħa tat-triq. Hekk kif sab ruħu fuq in-naħa ta' barra tat-triq, kien qed jikkostitwixxi periklu għalih u, b'mod speċjali, għall-oħrajn. Għalhekk l-imputat ser jinstab ħati ta' dan l-inċident, iżda n-negliġenza kontributorja ta' Cauchi ser tiġi riflessa fil-piena."

Il-konvenut **Mariu Vittorio Azzopardi** fl-affidavit tiegħu jgħid[18] li dakinhar tal-inċident f'xis-siegħa ta' waranofsinhar kien wieqaf bil-vettura tiegħu fl-*outer lane* bl-*indicator* biex jidħol fl-*inner lane* u għal ġod-*drive-way* tal-garaxx tiegħu li jidher fir-ritratt MVA1.[19] Il-konvenut jgħid li dik il-manuvra ilu jagħmilha għal madwar 20 sena u jinsisti li dik il-manuvra bilfors ikollu jagħmilha minħabba li l-karozza tiegħu hija kbira u jkun hemm vetturi oħrajn pparkjati fit-triq *(service road)* ħdejn id-*driveway* u b'dik il-manuvra jkun jista' jidħol. Ix-xhud jispjega li d-dar tiegħu qiegħda f'kurva[20] u jgħid li qabel beda jdur għad-*driveway,* iċċekkja l-mera diversi drabi anki qabel ma waqaf biex jibda jdur fuq ix-xellug.

[18] *A fol.* 148.
[19] *A fol. 149.*
[20] Ara r-ritratti *a fol.* 149. MVA2 sa MVA4.

Il-konvenut jgħid li huwa dar meta ra li ma kien ġej ħadd. Il-konvenut jispjega permezz tar-ritratt MVA4 li hu kien għadu kif beda jdur u l-mutur daħal f'daqqa minn wara. Il-konvenut jgħid li l-mutur tant kien ġej bil-qawwa li tkaxkar u daħal laġenba taħt il-vettura tiegħu.[21]

In kontroeżami il-konvenut jgħid[22] li kien wieqaf f'nofs it-triq fuq il-*fast lane* biex idur għall-karreġġjata ta' ġewwa fuq ix-xellug. Azzopardi jispjega li ma kellux spazju biżżejjed biex jidħol mill-karreġġjata ta' ġewwa u peress li ma rax traffiku ġej, waqaf u qal lilu innifsu "hekk indur u nidħol". Il-konvenut jgħid illi ma rax il-mutur ġej, qisu waqa' mis-sema u abbuża għax ma kienx hemm traffiku ġej.

*Provi dwar danni allegatament sofferti mill-attur*

*Damnum emergens*

Skont ir-rapport tal-Pulizija[23], minn dak li kien viżibbli mad-daqqa t'għajn, jirriżulta li l-mutur tal-attur sofra ħsarat fil-: *front fork, headlights, left frame, left side mirror u front wheel.* Skont il-*motor vehicle assessment report* li sar mis-soċjetà konvenuta esebit mill-attur[24] l-ħsarat fil-mutur tal-attur kienu jammontaw għal €4,066.28 mentri il-*book value* tiegħu kien ta' €3,400 u għaldaqstant il-mutur kien *beyond economical repair.* Il-konvenuti ma nsistewx għall-aqwa prova fir-rigward tad-dokumenti esebiti fl-udjenza tat-8

[21] Ir-ritratt MVA4 juri però l-mutur imwaqqa' wara l-vettura tal-konvenut b'xi brix u tagħti fuq wara tal-vettura tal-konvenut u bil-*windscreen* ta' wara tagħha miksur, imma mhuwiex evidenza ta' *speed* eċċessiv tal-mutur.
[22] *A fol.* 156 u 157.
[23] *A fol.* 9.
[24] *A fol.* 143 u 144.

ta' Marzu, 2017, li kienu relatati mal-*damage assessment report* li sar mis-soċjetà konvenuta.

Apparti dan, l-attur esebixxa[25] l-irċevuta datata 26 ta' Lulju, 2012 tax-xiri tal-mutur għall-prezz ta' €3,390 mingħand Fapi Motors Limited. Dakinhar stess l-attur kien xtara ukoll mingħand l-istess ditta *graphic kit raceline* għas-somma ta' €58. Fil-5 ta' Lulju, 2012 l-attur xtara mingħand R&G Racing Products *carriage charges* u *aero crash protectors* għas-somma ta' €144.39. B'hekk id-danni subiti mill-attur li l-Qorti tqis illi ġew ippruvati huma fis-somma ta' €3,602.39. Dan jikkontrasta ma' dak li ġie indikat mill-attur fin-nota ġuramentata tiegħu[26] fejn id-danni reklamati mill-attur fir-rigward tal-mutur tiegħu huma fis-somma ta' €4,066. Fin-nota ġuramentata tiegħu l-attur jitlob ukoll l-ispejjeż ta' *helmet,* qalziet u żarbun u aċċessorji oħrajn tal-mutur fis-somma ta' €5,021, imma għajr għall-*graphic kit line* u l-*crash protectors* (€202.39) dawn l-ispejjeż reklamati mill-attur mhumiex sostanzjati b'iriċevuti u lanqas biss ġew spjegati mill-attur fid-dettall u għalhekk ma jistgħux jiġu kkunsidrati. Bl-istess mod is-somma mitluba mill-attur ta' €3,605 għall-fiżjoterapija fuq perijodu ta' sentejn, aċċessorji tal-fiżjoterapija, mediċina u servizzi minn St James Hospital, mhija sostanzjata b'ebda dokumentazzjoni.

*Lucrum cessans*

Id-debilità permanenti li sofra l-attur kif riskontrata fir-rapport ta' Dr David Varnai tal-isptar Mater Dei[27] kif ukoll fir-rapport tal-kirurgu ortopediku Mr

[25] *A fol.* 136, 137 u 138 tal-process rispettivament.
[26] *A fol.* 159 u 160.
[27] Iċ-ċertifikat mediku *a fol.* 15 u l-affidavit tiegħu *a fol.* 16.

Alec Sultana[28] maħtur bħala espert mill-Qorti fil-proċedimenti kriminali, liema rapport ġie kkonfermat f'dawn il-proċeduri bil-ġurament tal-istess kirurgu ortopediku[29], li ma ġiex kontroeżaminat mill-konvenuti, u għalhekk għandha titqies li mhijiex ikkontestata.

Ir-rapport tal-kirurgu **Mr Alec Sultana** jispjega fid-dettal l-interventi li saru lill-attur u jiċċertifika l-kundizzjoni tal-attur meta eżaminah:

> *"There is no pain at rest.*
>
> *Both forearms are painful on even mild exertion and he is unable to carry objects heavier than a few kgs.*
>
> *The pain is exacerbated by exposure to cold temperatures.*
>
> *The forearms and wrists swell up occasionally.*
>
> *Numbness of both thumbs is still present.*
>
> *Due to the symptoms of pain he is finding it difficult to return to work as a photographic editor."*

Illi wara rapport dettaljat tal-eżami kliniku li sar fis-27 ta' Ottubru, 2014 u ta' x'irriżulta lill-istess espert mediku, Mr Alec Sultana wasal għal dawn il-konklużjonijiet:

> *"The functional deficit secondary to the fracture of his right forearm has occurred in his dominant upper limb.*
>
> *Prior to the accident he allegedly had no fuctional deficit in either upper limb.*
>
> *Taking this and other factors into consideration, I am of the opinion that he has sustained a **20% (twenty per cent) permanent disabilty** as a direct result of the accident sustained on the 5th December 2013."*

---

[28] Rapport datat 30.10.2014 *a fol.* 19 sa 23.
[29] *A fol.* 117 sa 118

L-attur **Adrian Cauchi** fix-xhieda tiegħu jgħid li wara l-inċident kien għamel xi erba' xhur ma jmurx għax-xogħol, u meta rrapporta lura għax-xogħol ma seta' jagħmel xejn minħabba l-uġigħ kontinwu li kellu u anki biex iġorr sempliċi *tray* bi ftit tazzi ma kienx kapaċi li jagħmel dan għal żmien twil.

Fix-xhieda li ta missier l-attur, **Raymond Cauchi**[30], dan jispjega li qabel l-inċident ibnu kien impjegat f'negozju tal-familja li kien jinkludi *stationery* u jinvolvi tqandil ta' merkanzija u fotografija. Ix-xhud jispjega kif wara l-inċident ibnu ma setax jerfa' affarijiet tqal u anki b'kamera f'idu kien jgħejja.

Għalkemm ma ġietx ippreżentata dokumentazzjoni dwar il-paga tal-attur bħall-formoli tat-taxxi eċċ, fin-nota ġuramentata tal-attur[31] jingħad li llum għandu 33 sena u għandu paga ta' €9,872 fis-sena, kemm kemm ogħla mill-*minimum wage.*

## Kunsiderazzjonijiet legali

*Responsabbilità għall-inċident*

Dan hu każ bħal bosta oħrajn fejn Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin, fejn il-konvenut isostni li kien bl-*indicator* tal-vettura tiegħu mixgħul qabel ma jgħaddi mill-karreġġjata ta' barra għal dik ta' ġewwa, meta ra lil konvenut ġej b'velocità eċċessiva. Min-naħa tiegħu l-attur jgħid li hu kien qiegħed isuq b'veloċità normali għax kien

[30] *A fol.* 120 sa 122.
[31] *A fol.* 159 u 160.

fuq il-karreġġjata ta' ġewwa, is-*slow lane* u l-konvenut mingħajr ma' xegħel *l-indicator* biex jaqsam għall-karreġġjata ta' ġewwa, mingħajr pre-avviż lewa fuq ix-xellug għal għarrieda u ġab lill-attur fl-impossibilità li jevitah. Mal-konvenut ma kien hemm ħadd miegħu fil-karozza u anki l-attur kien waħdu fuq il-mutur tiegħu u meta seħħ l-inċident ma kienx hemm xhieda okkulari minbarra l-partijiet. F'każijiet bħal dawn din il-Qorti trid bilfors tirrikorri għal indizji oħra, bħal konsistenza fix-xhieda, verisomiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi u anki il-preponderanza tal-probabiltajiet u possibilitajiet li jistgħu jnisslu ċertezza morali fil-ġudikant.

Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja.[32] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[33]

Tqis fil-każ odjern li ma tressqu ebda provi li l-attur kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva. Fit-triq fejn seħħ l-inċident ma kienx hemm *brake marks* u mill-provi li tressqu ma kien hemm l-ebda ħjiel ta' *speed eċċessiv.* Kif inhu risaput il-Qorti trid tiddeċiedi skont il-liġi u abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li dak li jallega jrid jipprova, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12, il-konvenut huwa obbligat jipprova dak li allega. Tqis però illi l-konvenut

[32] **Borg *vs.* Bartolo,** App. Inf., 25.06.1980**.**
[33] Ara wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** App. Kum., 25.02.1952.

mhux talli ma ppruvax dak li allega talli nqabad f'kontradizzjonijiet evidenti. Fl-istqarrija li ta lill-Pulizija *a tempo vergine* l-konvenut jgħid li mill-mera ra lill-attur gej bi *speed* qawwi kif hu kien qed jikser fuq ix-xellug u saħansitra beda jikser lura għal-lemin. Mentri in kontroeżami l-konvenut jgħid li lill-attur qatt ma rah ġej għal fuqu, "qisu waqa' mis-sema" u sar jaf bih meta ħabat miegħu. Allura l-konvenut ma kienx f'pożizzjoni li jistà jgħid b'liema veloċità kien ġej l-attur. Tqis dan bħala komportament tipiku ta' min ma jkunx qed iżomm *proper lookout.*

Illi m'hemmx dubju li l-obbligu ta' kull sewwieq huwa li jżomm *proper lookout*. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Louis Bianchi *noe vs*. Michelle Cassar**[34] ingħad li:

> "Tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri...*omissis*...b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dak li komunement tissejjaħ "*a reasonable lookout*" liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli."

Illi ġie appropositu ritenut li hu dover tas-sewwieq '*to see what is in plain view'*[35] u li 'min ma jarax li raġonevolment għandu jara jfisser li ma kienx qed iżomm *a proper* lookout'.[36] Fis-sentenza fl-ismijiet **Newhaus N.D. *vs*. Bastion Insurance Co. Ltd**[37] il-Qrati Ingliżi kienu rritjenew illi:

> *"Keeping a proper lookout means more than the looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity.*

[34] P.A., 06.11.1988.
[35] **Il-Pulizija *vs.* Joseph Vella**, 10.08.1963.
[36] **Il-Pulizija *vs.* J.M. Laferla**, 17.06.1964.
[37] 1968(1) SA 398 (A) f'405H-406A.

*A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Kif jgħid il-Gibb *"The Trial of Motor Car Accident Cases"*[38]*:*

> *"A motorist has a right to turn his car in the highway unless prohibited by some regulation. In doing so, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence if he turns his car to the right across the path of a vehicle approaching … thus making it impossible for the driver of the other vehicle to avoid a collision."*

M'hemmx dubju li l-konvenut kellu l-obbligu li qabel ma jibda jdur lejn ix-xellug u saħansitra jkompli dieħel ġewwa d-*driveway* tiegħu billi jittraversa karreġġjata sħiħa f'*bypass* li hija magħrufa bħala pjuttost traffikuża, jaċċerta ruħu li seta' jagħmel dan "*with a good margin of safety*" u li bl-ebda mod ma jfixkel il-passaġġ tal-attur. Aktar minn hekk il-Qorti ma tista' qatt tqis il-manuvra tal-konvenut bħala waħda aċċettabbli anki kieku ħa l-prekawzjonijiet indikati, 'il għaliex il-konvenut kellu l-obbligu li din il-manuvra jagħmilha f'żewġ stadji, l-ewwel jaqsam fuq il-karreġġjata tax-xellug meta ikun jista' jagħmel dan b'mod sigur u wara jkompli jsuq fuq il-karreġġjata ta' ġewwa u jindika li dieħel bil-mod fid-*driveway* tiegħu u mhux jimblokka iż-żewġ karreġġjati biex jidħol komdu għal ġod-*driveway* tiegħu. Mhijiex konvinċenti u verosimili l-iskuża tal-konvenut li ma jkunx jista' jdur mill-karreġġjata ta' ġewwa għad-*driveway* tiegħu. Tant hu hekk filwaqt li fl-*affidavit* tiegħu l-konvenut jgħid li ilu jagħmel din il-manuvra mal-għoxrin sena, in kontroeżami jammetti li f'din l-istanza abbuża għax ma kienx ra traffiku ġej. Però l-Qorti tqis illi l-konvenut ma rax traffiku għax ma kienx qed iżomm *a proper lookout*

[38] Para. 85.

u li hi ferm aktar verosimili l-verżjoni li ta l-attur, u ċjoè li konvenut ittenta manuvra mingħajr ma ħares sew lejn dak li kien ġej warajh.

Illli fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony u Melita konjuġi Portelli vs John Cutajar**[39] intqal:

> *"*O.C. MAZENGARB fil-monografija tiegħu *"Negligence on the Highway"* jgħid appropożitu li:
>
> *"The act of turning across the line of oncoming traffic is one which requires a special duty of care which is not necessarily discharged by giving the conventional signal of intention to deviate from one's course …In ordinary circumstances if a driver turns out of and across the line of traffic after giving the usual signal, he acts negligently unless he has reasonable grounds, besides the pure fact of his warning, for believing that he can cut across without endangering approaching traffic."*

Illi fuq kollox kif ġie ukoll ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francis Schembri**[40]:

> "Hawn ħafna drivers li jaħsbu illi meta jkunu ser jaqsmu għal fuq il-lemin tat-triq, biżżejjed li jagħtu sinjal u li b'hekk ikunu intitolati li jaqsmu t-triq. Dan huwa żball u jikkostitwixxi mankanza gravi ta' min ikun isuq. Is-sinjal għall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-driver li jaqsam it-triq; iżda dan mhux biżżejjed. Biex hu jista' jaqsam, ikun hemm bżonn illi driver jaċċerta ruħu illi bil-qasma tiegħu tat-triq huwa ma jkunx ta' ostakolu lil traffiku ieħor li jkun hemm fl-istess triq fuq iż-żewġ direzzjonijiet, u meta jkun assikura ruħu b'dan, id-driver ikun intitolat li jaqsam it-triq."

Illi hu ovvju li l-aqwa mod kif wieħed jista' jassikura ruħu li jista' jagħmel manuvra bħal dik li ttenta jagħmel il-konvenut odjern, huwa billi jeżerċita *"a*

[39] P.A., 16.09., 2011.
[40] App. Krim., 26.06.1968.

*proper lookout*" u jesplora tajjeb it-triq li jkun ser jaqsam fiż-żewġ direzzjonijiet. Illi ġie wkoll ritenut li hu dover tas-sewwieq *"to see what is in plain view"*[41] u li min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm *"a proper lookout".*[42]

Illi hija xokkanti l-ammissjoni tal-konvenut fl-*affidavit* tiegħu fejn biddel il-verżjoni li kien ta preċedentement, meta qal li f'mument minnhom li saħansitra waqaf għalkollox biex jikser għall-karreġġjata ta' ġewwa. Qal dan indubjament biex jittenta jikkombatti dak li sostna l-attur, li baqa' koerenti fil-verżjoni tiegħu, li l-konvenut għamel manuvra f'daqqa u kif kien miexi kiser għax-xellug. Din il-manuvra inkonsulta tal-konvenut tixhed negliġenza assoluta min-naħa tiegħu meta waqaf kompletament ġo *fast outer lane* biex jikser għal ġol-*inner lane*. Dak li huwa rikjest minn min ikun se joħroġ minn triq sekondarja, li għandu jieqaf qabel jidħol fi triq primarja, ċertament li mhuwiex applikabbli għall-istanza odjerna fejn il-konvenut waqaf fi triq primarja fil-karreġġjata fejn it-traffiku mistenni li jgħaġġel aktar, sakemm jidħol fl-*inner lane*.

Fil-fehma konsiderata tal-Qorti għandu jingħata piż lix-xhieda tas-Surġent Ivan Mifsud li qal li meta xegħel l-*ignition* tal-vettura tal-konveut, seta' jikkonstata li l-*indicator* ma kienx mixgħul kuntrarjament għal dak li ġie allegat mill-konvenut. Ix-xhieda tas-Surġent Mifsud hija kkorroborata bix-xhieda tal-kuntistabbli John Spiteri. Tqis fuq bażi ta' probabbilitajiet li meta persuna li tkun fi stat ta' xokk wara ħabta bħal dik, l-aktar li se jirnexxilha tagħmel huwa biss li titfi l-vettura u xejn aktar u li meta terġa' tinxtegħel il-vettura, l-*indicator* loġikament kellu jinstab li kien għadu mixgħul. Barra minn hekk is-Surġent

[41] App. Krim., **Il-Pulizija *vs.* Joseph Vella**, 10.08.1932.
[42] App. Krim., **Il-Pulizija *vs.* J.M. Laferla**, 17.06.1961.

Mifsud fix-xhieda tiegħu jgħid ukoll illi meta pprova l-*indicators,* it-tnejn kienu qegħdin jaħdmu u dan sabiex jiġi evitat kull dubju li l-*indicators* inkisru mal-ħabta.

Illi kwantu għal din ix-xhieda tas-Surġent Mifsud li ġiet mogħtija fil-proċeduri kriminali, isir riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Degabriele *vs.* Montebello**[43], b'adeżjoni ma' ġurisprudenza anterjuri, fejn intqal li "ma hemm xejn ħażin li ġudikant fi proċess ċivili jorbot id-deċiżjoni tiegħu mal-provi miġbura fi provvediment kriminali", proprju għaliex fil-liġi ma hemm xejn kuntrarju li provi li jkunu tressqu f'kawża kriminali li dawn jorbtu f'kawża ċivili, però ġie enfasizzat li dik hi biss waħda mill-provi li l-Qorti Ċivili għandha tieħu in konsiderazzjoni.[44]

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet waslet għall-konklużjoni li anki l-attur ma żammx *a proper look-out* u messu żamm distanza xierqa mill-vettura tal-konvenut. Però l-ġudizzju fil-proċeduri kriminali kien biss kontra l-konvenut u l-Qorti fil-proċeduri kriminali jrid ikollha ċertezza dwar il-ħtija tal-konvenut u kien fir-rigward tal-akkużat u l-piena li kienet ser tagħti, li l-Qorti fil-proċeduri kriminali għamlet riferiment għall-kontributorjetà parzjali tal-attur.

Illi kwantu għal grad ta' prova rikjest fi proċeduri ċivili u fi proċeduri kriminali jingħad:

> "Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal

[43] P.A., 28.01.2010.

[44] Ara wkoll, fl-istess sens **Pace *vs.* Camilleri**, Q.A., 27.07.2007; **Caruana *vs.* Ministeru tal-Ambjent *et***, P.A., 07.07.2004 u **Bugeja *vs.* Coreschi**, Q.A. 30.04.2009.

> għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dana għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubbju raġjonevoli". (**Eucaristico Zammit *vs.* Eustrachio Petrococchino**, App. 25.02.1952).[45]

Tqis illi fil-ġudizzju li ngħata fil-proċedimenti kriminali dwar il-fatti mertu wkoll tal-kawża odjerna, il-Qorti kienet qed tagħti kull benefiċċju tad-dubju possibbli lill-akkużat. Iżda fil-proċeduri odjerni din il-Qorti tinsab konvinta sal-grad rikjest mil-liġi għal proċeduri ċivili, li l-attur ma naqasx li jżomm *a proper lookout* għas-sempliċi fatt li kien fuq il-karreġġjata ta' ġewwa u ma kellux għalfejn iħalli ebda distanza mill-vettura fuq il-lemin tiegħu għax dik il-vettura ma kinitx qiegħda quddiemu. Kien biss fil-mument li l-vettura tal-konvenut ġiet parallela mad-*driveway* tiegħu, li l-konvenut ittenta jagħmel manuvra mgħaġġla biex jipprova jidħol fid-*driveway* u konsegwentement ġab lill-attur fl-impossibilità li jaġixxi. Fuq kollox f'toroq b'żewġ karreġġjati jew aktar fl-istess direzzjoni, il-*braking distance* trid tinżamm fir-rigward ta' dik il-vettura li s-sewwieq ikollu quddiemu fl-istess karreġġjata u mhux fir-rigward ta' vetturi f'karreġġjata paralleli miegħu li ma jistgħux jaqbdu u jiksru f'daqqa għal fuq il-karreġġjata l-oħra b'mod li jġiegħlu lil min ikun qed isuq fil-karreġġjata tiegħu li jidħol fihom. Terġa' u tgħid il-konvenut fix-xhieda tiegħu jgħid illi l-proprjetà tiegħu tinsab f'daqsxejn ta' liwja, ċirkostanza tali li kienet teżiġi aktar u aktar prudenza u li l-konvenut ma jagħmilx manuvra bħal dik, fejn l-attur li kien fil-karreġġjata tiegħu f'*highway,* ma kienx raġjonevolment mistenni li f'liwja li jkun għadu kif dar, jsib vettura miexja trasversalment għall-karreġġjata tiegħu. Tqis għalhekk li bl-ebda mod ma ġie ppruvat li kien hemm xi kontributorjetà da parti tal-attur għall-inċident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawża.

[45] Ara wkoll **Paul Vassallo *vs.* Carmelo Pace**, App., 05.03.1986 u **Group 4 Securitas (Malta) Limited *vs.* Godfrey Lopez *et***, P.A., 25.11.2013.

*Danni sofferti mill-attur*

Dan ifisser li d-danni li sofra l-attur u dawk li jista' jsofri fil-futur, jekk jiġu ppruvati, għandu jinżamm responsabbli għalihom il-konvenut abbażi tal-artikolu 1031 tal-Kap. 16. Is-soċjetà konvenuta bħala s-soċjetà assiguratriċi tal-konvenut, hi obbligata taħt il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta li tirriżarċixxi lill-attur għall-imsemmiija danni.

Tqis illi kif ingħad aktar 'il fuq, li l-uniċi provi miġjuba mill-attur dwar *damnum emergens,* spejjeż li l-attur għamel konsegwenza tal-imsemmi inċident u li għandu jiġi rimborżat tagħhom, huma il-valur tal-mutur bħala l-*book value* attwali tiegħu ta' €3,400, flimkien maż-żewġ *items* li ġew ippreżentati l-iriċevuti tagħhom, il-*graphic kit raceline* fis-somma ta' €58 u l-*carriage charges* u *aero crash protectors* għas-somma totali ta' €144.39. Għaldaqstant is-somma totali dovuta mill-konvenuti *in solidum* bħala *damnum emergens* hija ta' €3,602.39.

Illi għar-rigward tal-*lucrum cessans,* il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tiddipartixxi mill-perċentwali ta' diżabilità permanenti ta' 20% kif riskonstrata mill-kirurgu ortopediku Mr Alec Sultana, l-espert mediku maħtur mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Il-konklużjonijiet ta' Mr Alec Sultana bl-ebda mod ma ġew ikkontestati, la b'talba għall-ħatra ta' espert mediku minn din il-Qorti u ta' esperti mediċi adddizzjonali u lanqas bil-kontroeżami ta' Mr Sultana. Kif jingħad kostantement fil-ġurisprudenza nostrali[46]:

---

[46] **John Busuttil et *vs.* Tapa Limited** 11.01.2010, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-31.05.2013.

> "Il-Qorti fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi għalhekk ma tarax għaliex ma għandhiex tadotta u tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-espert tekniku. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża deċiża fit-23 ta' Ġunju, 1967 fl-ismijiet **Giswarda Bugeja *vs.* Emanuele Muscat *et*** għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet tagħha nnifisha, u l-konklużjonijiet peritali bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu *il giudizio dell'arte* espress mit-tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha mogħitja b'talba ta' nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi irraġonevoli."

Għaldaqstant il-Qorti ser taddotta perċentwali ta' diżabilità permanenti ta' 20%.

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali tal-attur is-somma ta' €9,872. Illum l-attur għandu 33 sena, iżda meta seħħ l-inċident kellu 27 sena. Ma' din is-somma ser iżżid is-somma ta' €1,000 biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier.*

Bħala *multiplier* ser jintuża l-perijodu ta' ħamsa u tletin sena (35), tenut kont tal-età tal-attur fi żmien l-inċident, tal-*working life expectancy* tal-attur f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-Maltin żdiedet sostanzjalment, tenut kont tal-fatt li persuna tal-età tal-attur ser ikun jista' jieħu l-pensjoni ta' 65 sena, u taċ-*chances and changes of life*.

Il-komputazzjoni għall-finijiet ta' *lucrum cessans* sejra ssir b'dan il-mod: €10,872 x 35 x 20% = €76,104. It-tnaqqis għal *lump sum payment* solitament hu ta' 20%. Għalhekk l-ammont dovut lill-attur bħala *lucrum cessans* hu ta' €60,883.20. Għaldaqstant id-danni li sofra l-attur qegħdin jiġu kkwantifikati

fis-somma ta' €3,602.39 bħala *damnum emergens* u fis-somma ta' €60,883.20 bħala *lucrum cessans,* għas-somma totali ta' €64,485.59.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Mariu Vittorio Azzopardi unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fil-5 ta' Diċembru, 2013 f'Dawret San Pawl, San Pawl il-Baħar, fejn safa korrut l-attur, u dan minħabba nuqqas ta' attenzjoni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku min-naħa tal-konvenut;**

**2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà konvenuta Untours Insurance Agency Limited (C5655) hija responsabbli *in solidum* mal-konvenut Mariu Vittorio Azzopardi versu l-attur għad-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza tal-imsemmi inċident u dana *ai termini* tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi inċident fis-somma ta' erbgħa u sittin elf u erba' mija u ħamsa u tmenin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€64,485.59) bħala *damnum emergens* u *lucrum cessans.***

**4. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* għall-ħlas tad-danni kaġunati u likwidati favur l-attur fis-somma ta' erbgħa u sittin elf u erba' mija u ħamsa u tmenin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€64,485.59).**

**Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Mejju, 2015 u bl-imgħax legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti *in solidum*.**

Moqrija.